# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza 29 ta' Novembru, 2023

Avviz tat-Talba numru: 80/2023 CL

**Andrew Vassallo General Trading Ltd** (C45790)

**VERSUS**

**Charles Mizzi** (KI nru: 570876M)

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-13 ta' Marzu 2023, fejn is-socjeta attrici talbet lil Tribunal jikkundana lill-konvenut jhallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u sittin euro u tlettin centezmu (€3,168.30), rapprezentanti prezz ta' materjal mibjugh u/jew xogholijiet ezegwiti favut l-intimat. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sal-halas effettiv.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi minkejja li konvenut gie nnotifikat fl-20 ta' Lulju 2023, la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb

tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' n-nota bl-affidavit ta' Maria Vassallo, direttrici tas-socjeta attrici, flimkien mad-dokumenti annessi fejn ikkonfermat illi l-konvenut kien ordna zewg travi fl-2021 u komunikazzjoni b mejl fejn kien ikkonferma l-qisien. Hu kien gabar ix-xoghol li kien inhadem minnhom izda ma kienx hallas u sal llum ma kinex hallas ebda pagament.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attur, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-istess socjeta attrici is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmienja u sittin euro u tlettin centezmu (€3,168.30) bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,ghandhom jithalsu mill- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**